MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 466/2013

Appell Nru: 466/2013

Il-Pulizija

Spettur Jurgen Vella

Spettur Spiridione Zammit

vs

Roderick Debono

Illum, 13 ta' Novembru, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kontra l-imsemmi Roderick Debono, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 155680M talli:

Fil-lejl ta' bejn is-16 ta' Ottubru, 2013 u s-17 ta' Ottubru, 2013 f'dawn il-Gzejjer:-

1. Naqas milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjoni imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja

Magistrat, Dr. J. Padovani Grima LL.D. b'digriet datat 28 ta' Marzu, 2012 u li permezz tieghu huwa nghata l-helisen mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jirrinkaza ruhu bejn 10.00pm u 06.00am tal-ghada filghodu.

2. Ukoll talli b'hekk fl-istess cirkostanzi ghamel reat li ghalih hemm kontemplata piena ta' prigunerija fil-perjodu ta' sentenza sospiza ai termini tal-artikoli 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' malta liema sentenza datata 30 ta' Settembru, 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Dr. C. Stafrace Zammit.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati imsemmija, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 28 ta' Marzu, 2012 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Roderick Debono. Kif ukoll, li tordna li s-somma ta' hames mitt ewro (€500) depozitati fir-Registru ta' din il-Qorti , u hamest elef ewro (€5000) ohra bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmel tajjeb ghall-benficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-18 ta' Ottubru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, irriservat milli tiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz b'referenza a tenur tal-artikolu 28B(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnat li dan il-procediment jitqieghed fl-atti tal-process tal-kawza, Pulizija vs Roderick Debono, prezentement quddiem din il-Qorti sabiex l-istess qorti tkompli tezamina l-komportament u l-imgieba ta' dan l-istess imputat matul il-mori tal-kawza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, presentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-1 ta' Novembru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok, in vista tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija aktar il-fuq, tgħaddi biex tiddisponi minn dan il-każ skond il-liġi u fl-aħjar interess tal-ġustizzja.

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat Noel Cutajar.

Rat l-aggravji tal-appellant illi huma s-segwenti:

Illi, fl-ewwel lok, l-Ewwel Qorti iddeċidiet illi ma tieħux konjizzjoni ta' dan il-każ u dana ai termini ta' l-Artikolu 28B(2)(a) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi, dan l-artikolu appena ċitatt jistipola ċar u tond illi *"... jekk il-qorti ma tagħmilx ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) hija għandha tiddikjara ir-raġunijiet tagħha għaliex ma tkunx għamlet dan"*. Dan id-dmir impost fuq l-Ewwel Qorti huwa wieħed tassativ.

Illi, huwa evidenti f'dan il-każ, jekk wieħed iħares lejn is-sentenza in kwistjoni, li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħti kwalunkwe raġuni hekk kif stipulat fl-artikolu appena ċitat, u għaldaqstant l-esponent, bl-akbar rispett jgħid li allura f'dan il-każ jeżisti żball proċedurali evidenti li għandu jiġi rimedjat, u għalhekk, *se mai* jekk l-Ewwel Qorti ħasset li għandha tastjeni, kif filfatt għamlet, kellha tagħti l-motivazzjonijiet il-għaliex kienet ser tagħmel hekk.

Illi, in oltre dan kollu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Qorti naqset ukoll milli tieħu kwalunkwe konjizzjoni tar-reat tal-ksur tal-kundizzjonijiet marbuta mal-fakulta tal-ħelsien mill-arrest li kienet mogħtija lill-appellat permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Dr J. Padovani Grima LL.D) nhar it-28 ta' Marzu 2012, liema reat kien ġie **ammess mal-ewwel** mill-appellat stess fil-proċeduri odjerni.

Illi, il-Liġi hija ċara u tistipola hekk fl-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta):

> *Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat* [1] *u teħel, meta tinsab ħatja*[2]*, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jista' jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.*

Illi, f'dan il-każ, l-appellat, qua imputat, ammetta għall-akkuzi kollha miġjuba kontrih fi stadju bikri tal-proċeduri odjerni u għalhekk ma jeżisti ebda dubbju li r-reat in kwistjoni filfatt seħħ. Għaldaqstant, id-dmir impost mill-Liġi fuq il-Qorti huwa wieħed tassattiv – ġialadarba l-appellat, qua imputat, kien ħati tar-reat addebitat lilu, allura l-Ewwel Qorti ma kellha ebda triq oħra ħlief li timponi l-piena skont il-Liġi u mhux tinjora għal kollox dan ir-reat, kif filfatt għamlet!

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fis-sbatax (17) ta' Ottubru tal-elfejn u tlettax (2013) ghal xi t-tlieta ta' filghodu l-pulizija waqqfu lill-appellat Rodrick Debono waqt illi kien qed isuq il-karozza JBQ 349 fl-inhawi ta' Hal Kirkop u dan bi ksur tal-kondizzjonijiet

[1] Enfazi tal-appellant.
[2] Enfazi tal-appellant.

imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati. Illi fit-tmintax (18) ta' Ottubru tal-elfejn u tlettax (2013) l-imputat tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u fl-istess seduta kif jirrizulta mill-verbal taghha l-appellat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

B'sentenza ta' dakinhar stess tat-tmintax (18) ta' Ottubru tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati irriservat milli tiehu konjizzoni ta' dan il-kaz b'referenza ghall-artikolu 28B(2)(a) tal-Kap 9 u ordnat li dan il-procediment jitqieghed fil-process tal-kawza Il-Pulizija kontra Rodrick Debono prezenzjalment quddiem il-Qorti tal-Magistrati sabiex tkompli tezamina l-komportament u l-imgieba tal-istess imputat matul il-mori ta' dan il-kawza.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell ghax deherlu illi l-ewwel Qorti ghamlet konsiderazzjoni u enuncazzjoni zbaljata tal-ipotesi tal-ligi.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi fl-ewwel seduta l-appellat ammetta l-akkuzi kontra tieghu u ikkonfermahom kif titlob il-ligi. Kwindi fuq dan biss l-ewwel Qorti ma kellhiex triq ohra hlief illi tghaddi ghall-kundanna tal-appellat. Però deherilha illi kellha tinvoka l-artikolu 28B(2)(a) tal-Kap 9 illi jghid, "... jekk il-Qorti ma taghmilx ordni bis-sahha tas-sub artikolu (1) hija ghandha tiddikjara r-ragunijiet taghha ghaliex ma tkunx ghamlet dan." Dan huwa obbligu tassattiv illi l-Qorti ghandha dejjem tosserva. Minn ezami akkurat tas-sentenza inkwistjoni din il-Qorti ssib illi l-Qorti tal-Magistrati naqset milli taghti kwalunkwe raguni il ghala ma kellhiex taghmel ordni kif stipulat fis-sub artikolu (1) u l-Qorti ma setghetx tastjeni u tghabbi Qorti ohra bir-responsabbiltà tad-decizjoni.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi dan wassal ghal nuqqas ta' formalità sostanzjali tas-sentenza f'liema kaz din il-Qorti b'applikazzjoni tal-artikolu 482(3) tilqa' l-appell tal-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tghaddi biex tiddeciedi l-kawza mill-gdid fuq il-meritu.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------